Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1213

3.5.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1213

## tad-19 ta' Marzu 2024

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka li jistabbilixxi l-proċeduri ta' sigurtà għall-illanċjar ta' satelliti Galileo mit-territorju tal-Istati Uniti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-kanċellazzjoni ta' żewġ lanċji ta' Soyuz miċ-Ċentru Spazjali tal-Guyana f'April u Settembru 2022 u d-dewmien imħabbar ta' Ariane-6 jagħmluha neċessarju li l-Unjoni ssib alternattivi sabiex terġa' tibda b'mod urġenti l-illanċjar tas-satelliti Galileo. Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat it-tħaddim xieraq tas-sistema Galileo, li hija parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) L-Unjoni għandha kooperazzjoni fit-tul mal-Istati Uniti dwar in-navigazzjoni bis-satellita. Il-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra ([2]) daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2011.

(3) Fit-23 ta' Novembru 2023, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti li jistabbilixxi l-proċeduri ta' sigurtà għall-illanċjar ta' satelliti Galileo mit-territorju tal-Istati Uniti.

(4) In-negozjati għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jistabbilixxi proċeduri ta' sigurtà għall-illanċjar tas-satelliti Galileo mit-territorju tal-Istati Uniti (il-"Ftehim") tlestew b'suċċess.

(5) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika dwar is-sigurtà ta' informazzjoni klassifikata ([3]) ser japplika għal informazzjoni klassifikata tal-UE pprovduta lill-Istati Uniti.

(6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Minħabba l-importanza tal-fattur taż-żmien fl-illanċjar tas-satelliti Galileo, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka li jistabbilixxi l-proċeduri ta' sigurtà għall-illanċjar ta' satelliti Galileo mit-territorju tal-Istati Uniti (il-"Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ([4]).

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).
([2]) ĠU L 348, 31.12.2011, p. 3.
([3]) ĠU L 115, 3.5.2007, p. 30.
([4]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/1214, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1214/oj.

*Artikolu 3*

1. Soġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 12(2) tiegħu ([5]), sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. L-Unjoni għandha tinnotifika lill-Istati Uniti dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tal-Unjoni neċessarji għall-applikazzjoni proviżorja f'konformità mal-Artikolu 12(2) tal-Ftehim. Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista f'dan il-paragrafu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. LAHBIB

([5]) Id-data li minnha l-Ftehim ser jiġi applikat b'mod proviżorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.